**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 298/09VG**

**Perfect Screen Printers Limited**

**Vs**

**Joseph Zerafa**

**Illum 10 ta' Ottubru 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsypprezentat mis-socjetà Perfect Screen Printers Limited fit-18 ta' Awwissu 2009 permezz ta' liema titlob li Joseph Zerafa jigi kkundannat ihallasha is-somma ta' sitt elef hames mija tlieta u erbghin Euro u disa' centezmi (€6,543.09) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija minnha lilu mibjugha u konsenjata, bl-imghax legali b'effett mid-data li fiha saret il-konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mar-Rikors u ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 15 ta' Mejju 2009 kontra Joseph Zerafa;

Rat ir-Risposta ta' Joseph Zerafa permezz ta' liema jeccepixxi illi: (i) it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici peress illi l-ammont indikat fir-Rikors promotur ma huwiex minnu dovut u ghalhekk it-talba hija infondata kemm legalment kif ukoll fattwalment; (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont li qed jigi pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex korrett u ghalhekk ma ghandux ibaghti l-ispejjez tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Frar 2010[1], tas-17 ta' Jannar 2012[2], tat-13 ta' Marzu 2012[3], tat-8 ta' Mejju 2012[4] u tat-12 ta' Lulju 2012[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SA1" sa' Dok. "SA5" a fol.

[1] Fol. 31 sa' 33 tal-process.
[2] Fol. 71 u 72 tal-process.
[3] Fol. 74 sa' 81 tal-process.
[4] Fol. 83 sa' 87 tal-process.
[5] Fol. 98 sa' 107 tal-process.

90 sa' 97 tal-process u d-dokumenti esebiti minnu permezz ta' Notaipprezentata fit-22 ta' Awwissu 2012 a fol. 108 sa' 160 tal-process, smeghet ix-xhieda ta' Francis Xuereb moghtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Frar 2010[6], l-1 ta' Novembru 2010[7] u t-3 ta' Marzu 2011[8] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PSP1" sa' Dok. "PSP6" a fol. 12 sa' 30 tal-process u Dok. "GV1" a fol. 50 u 51 tal-process, rat l-affidavit ta' Giselle Camilleri u l-affidavit ta' Vince Micallef esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fl-4 ta' Marzu 2010 a fol. 41 sa' 43 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Vince Micallef moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2010[9] u x-xhieda ta' Giselle Camilleri moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2011[10] u rat id-dokument Dok. "TS1" esebit mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fis-6 ta' Novembru 2012 a fol. 163 sa' 164 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €6,543.09 rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija minnha lilu mibjugha u kkonsenjata. Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet illi (i) it-talba attrici ghandha tigi michuda peress illi l-ammont indikat fir-Rikors promotur ma huwiex dovut u ghalhekk it-talba hija infondata kemm legalment kif ukoll fattwalment; u li (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont li qed jigi pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex korrett u ghalhekk ma ghandux ibaghti l-ispejjez tal-Qorti.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjetà attrici u l-konvenut kellhom relazzjoni ta' negozju bejniethom li kienet ilha fis-sehh ghal diversi snin fejn is-socjetà attrici kienet tforni lill-konvenut, li fiz-zmien kien jarma fuq il-monti ta' Marsaxlokk, merkanzija ghall-bejgh. Gara illi f'Settembru ta' l-2005 il-fabbrika tas-socjetà attrici inqerdet f'nirien li hakmu l-bini adjacenti u nfirxu fiha wkoll. Is-socjetà attrici ma hadet l-ebda kumpens minghand l-assikurazzjoni u sabiex setghet tkompli topera kellha ddur fuq id-debituri taghha u tigbor kemm tista' mill-krediti dovuti lilha. Fost id-debituri tas-socjetà attrici kien hemm il-konvenut li kien debitur taghha versu s-somma komplessiva ta' €22,776.11 rapprezentanti diversi konsenji ta' merkanzija minnha lilu mibjugha w ikkonsenjati bejn is-16 ta' Jannar 2004 u l-1 ta' Novembru 2005[11]. Bi ftehim mal-konvenut is-socjetà attrici irtirat ammont ta' merkanzija ta' valur komplessiv ta' €21,018.19, b'dana ghalhekk li f'dak l-istadju, ossia sas-27 ta' Marzu 2007 id-data ta' l-ahhar konsenja migbura mis-socjetà attrici, kien ghad hemm bilanc pendenti a favur is-socjetà attrici ta' €1,757.92 flimkien ma' somma ulterjuri ta' €252.03 rapprezentanti valur ta' merkanzija moghtija lura lill-konvenut. Is-socjetà attrici

[6] Fol. 34 sa' 39 tal-process.
[7] Fol. 52 sa' 55 tal-process.
[8] Fol. 60 u 61 tal-process.
[9] Fol. 56 u 57 tal-process.
[10] Fol. 62 sa' 65 tal-process.
[11] Fol. "PSP1" a fol. 14 u 15 tal-process.

fl-ahhar mill-ahhar zammet merkanzija fl-ammont komplessiv ta' €16,233 peress illi skontha ir-rimanenti merkanzija ghall-valur ta' €4,785.19 ma kenitx merkantibbli in kwantu danneggjata u ghalhekk illum qed tesigi hlas minghand il-konvenut tas-somma komplessiva bilancjali ta' €6,543.09, ossia s-somma ta' €1,757.92 flimkien mas-somma ta' €4,785.19.

Il-konvenut da parte tieghu jikkontendi li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex dovut in kwantu skontu l-bilanc minnu lilha dovut huwa ferm inqas minn dak minnha pretiz. Huwa jibbaza din il-kontestazzjoni tieghu fuq l-affermazzjoni li l-fornituri lilu mis-socjetà attrici kienu *on consignment* u li ma huwiex minnu li mill-merkanzija li huwa accetta li jirritorna lis-socjetà attrici sabiex ikun jista' jghinha f'mument ta' diffikultajiet finanzjarji, kien hemm merkanzija ta' prezz komplessiv ta' €4,785.19 li ma kenitx merkantibbli in kwantu danneggjata.

Mill-atti processwali u mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut jammetti li bhala fatt huwa debitur tas-socjetà attrici izda mhux fl-ammont minnha pretiz. Fi stadju minnhom, senjatament in risposta ghall-interpellazzjoni ghall-hlas da parte tas-socjetà attrici permezz ta' Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 15 ta' Mejju 2009, il-konvenut kien qed jikkontendi li l-bilanc minnu dovut lis-socjetà attrici jammonta ghal €2,121.96[12]. Tul is-smigh tal-proceduri però il-konvenut iddikjara li l-ammont minnu dovut lis-socjetà attrici ma huwiex ta' €2,121.96 izda huwa ta' €1,700 u dan skontu skond il-karti li baghtet is-socjetà attrici stess[13], liema ammont rega' gie minnu rivedut 'l fuq ghal €2,170.09[14]. Ghalkemm il-konvenut biddel il-versjoni dwar l-ammont minnu effettivament dovut lis-socjetà attrici ben tlett darbiet, meta wiehed jikkonsidra l-fatti tal-kaz in ezami huwa evidenti li l-kontestazzjoni tal-konvenut tirrigwarda l-valur jew ahjar il-prezz tal-merkanzija li skond is-socjetà attrici ma hijiex merkantibbli bil-konsegwenza li tali prezz ma jistax jinqata' mill-bilanc dovut lilha mill-istess konvenut izda ghandu jithallas.

Din il-kwistjoni trid tigi indirizzata billi jigu kkunsidrati u ttratati r-ragunijiet fuq liema l-konvenut jibbaza l-kontestazzjoni tieghu ghat-talba attrici, ossia li skontu il-merkanzija kienet fornita lilu mis-socjetà attrici *on consignment* u ma huwiex minnu li hemm merkanzija ta' prezz komplessiv ta' €4,785.19 li ma hijiex merkantibbli in kwantu danneggjata.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li n-negozju ta' fornitura ta' merkanzija *on consignment* ghandu l-fattispecie partikolari tieghu. In effetti kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Lt. Col. Gustav Caruana pro et noe v. Air Supplies and Catering Company Limited**, **Appell Civili Nru. 1162/03**, deciza fit-30 ta' Novembru 2012: *kif qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza Briffa v. Gauci, deciza fit-22 ta' Gunju 2005, meta jkun il-kaz ta' negozju ta' dan it-tip, dak in-negozju ghandu l-fattispecie partikolari tieghu: "Kif definit mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet Anthony Ruggier et v. Francis Refalo, 18 ta' Frar 1965 (Kollez. Vol. XLIX P III p1128) b'abbracc ta' l-*

[12] Dok. "PSP1" fol. 12 tal-process.
[13] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2010, fol. 3133 tal-process.
[14] Vide prospett ippreparat mill-konvenut stess u esebit permezz ta' Nota pprezentata fit-22 ta' Awwissu 2012 a fol. 108 sa' 160 tal-process.

*enuncjazzjoni ta' l-istess Qorti fid-decizjoni riportata a Vol. XXXV pIII p574, citata wkoll mit-Tribunal "il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci on consignment huwa kuntratt mhux ta' bejgh imma pjuttost ta' kummissjoni u ghalhekk il-kreditur ghandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghetx".*

Is-socjetà attrici kategorikament tichad li hija kienet tforni l-merkanzija lill-konvenut *on consignment* u tikkontendi li n-negozju bejnha u l-konvenut kien wiehed ta' bejgh fejn allura *la vendità è perfetta appena si conviene sulla cosa e sul prezzo* tant illi *la proprietà dalla cosa venduta si trasmette al compratore al momento in cui segue la vendità*[15]. In sostenn ta' l-affermazzjoni taghha li bejnha u l-konvenut kien hemm negozju ta' bejgh u mhux ta' fornitura ta' merkanzija *on consignment,* is-socjetà attrici taghmel referenza ghall-kondizzjoni li kjarament tirrizulta mill-fatturi kollha mahruga favur il-konvenut u cioè li *credit terms are strictly 30 days from date of invoice. The company reserves the right to charge interest from invoice date, at the rate of 8%p.a., on all balances in excess of this credit period. Claims will not be valid after three days from date of invoice*[16].

Rinfaccjat b'din il-kondizzjoni dwar *credit terms*, liema kondizzjoni evidentement turi li n-negozju ta' bejnu u s-socjetà attrici kien wiehed ta' bejgh ta' merkanzija, il-konvenut iddikjara illi *jiena naqbel illi d-dokumenti kollha li rcevejt minghand is-socjetà attrici tul in-negozju taghna kien hemm dik l-istess small print ta' hlas fi zmien 30 gurnata fattura. Izda verbalment konna ftehimna li dik il-kondizzjoni ma naghtux kasha w allura l-ftehim tal-pagament kien illi malli naghmel il-bejgh tal-merkanzija nhallsu. Il-ftehim intlahaq bejni u bejn is-Sur Xuereb u nghid li t-tifla tas-Sur Xuereb kienet taf bih ukoll. Konna ilna nahdmu flimkien 'l fuq minn ghaxar snin*[17].

Nonostante dak affermat mill-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma li l-istess konvenut ma ressaqx provi li sodisfacentement jikkoroboraw dak minnu affermat u cioè li ghad illi skond il-fatturi mahruga favurih in-negozju mas-socjetà attrici kien wiehed ta' bejgh, huma kienu ftehmu li l-hlas isir mal-bejgh u mhux mal-konsenja tal-merkanzija.

Jibda biex jinghad illi kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **George Portanier noe v. Charles Bezzina et, Citaz. Nru. 1330/95** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003: *hi wkoll regola ben affermata illi kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba (contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur). B'dana kollu "è indubitato altresi che per diritto probatorio si ammette la prova testimoniale allo scopo di chiarire le oscurità, le ambiguità e la incertezza dell'atto contrattuale per rendere palese quale sia stata l' intenzione dei contraenti; poichè in tale caso non si tratterebbe di prova orale in contraddizione od in aggunta alla prova scritta, ma si tratterebbe invece di prova testimoniale tendente a confermare il contenuto dell'*

[15] Mario Testa v. Alfred Theuma et, Appell Civili Nru. 1614/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Mejju 2003.
[16] Vide dokumenti esebiti mill-konvenut stess permezz ta' Nota pprezentata fit-22 ta' Awwissu 2012 a fol. 108 sa' 160 tal-process.
[17] Xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012, fol. 83 sa' 87 tal-process.

*atto scritto ed a dimostrare la vera intenzione dei contraenti che da quell'atto, senza il sussidio della prova testimoniale, potrebbe risultare oscura od apparire incerta o ambigua (Vol. XXV pI p150).*

Fil-kaz in ezami l-konvenut illimita ruhu li jiddikjara li l-ftehim bejnu u s-socjetà attrici ma kienx wiehed ta' bejgh kif jirrizulta mill-fatturi mahruga favurih izda kien ftehim *on consignment* miftiehem verbalment bejnu u Francis Xuereb. Huwa ma ressaq l-ebda prova ohra li tistabilixxi b'mod sodisfacenti li n-natura tan-negozju ma kenitx kif tirrizulta mill-fatturi izda kienet wahda fuq bazi *on consignment*. Ad ezempju l-konvenut ma ressaq l-ebda prova ta' xi *returns* li seta' effettwa lis-socjetà attrici ta' dik il-merkanzija li ma gietx mibjugha minnu, *returns* li tul medda ta' ghaxar snin negozju mas-socjetà attrici certament kienu jirrizultaw kieku l-ftehim verament kien wiehed fuq bazi *on consignment*.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti hija konvinta li kif affermat mis-socjetà attrici in-negozju bejnha u l-konvenut kien wiehed ta' bejgh ta' merkanzija minnha lill-istess konvenut.

Stabbilit dan il-punt jehtieg issa tigi trattata l-kwistjoni dwar il-merkanzija ghall-prezz komplessiv ta' €4,785.19 li ghas-socjetà attrici ma kenitx merkantibbli in kwantu danneggjata.

Skond ix-xhieda prodotti mis-socjetà attrici fir-rigward tal-merkanzija danneggjata, senjatament Francis Xuereb u Giselle Camilleri, din il-merkanzija kienet iddanneggjata minhabba li kjarament kienet qed tigi mahzuna f'post umduz hafna. Ad ezempju ddikjaraw li kien hemm basktijiet bil-*handles* tal-hadid li kellhom il-*handles* kollha msadda w allura ma setghux jinbieghu fl-istat li kienu. Il-konvenut mhux qed jichad li l-merkanzija li s-socjetà attrici tikkontendi li ma hijiex merkantibbli hija danneggjata izda jikkontendi li dik il-merkanzija ma hijiex tieghu imma ta' xi kummercjant iehor ma' min kellha negozju s-socjetà attrici.

Waqt is-seduta tat-8 ta' Mejju 2012[18] il-konvenut xehed illi *meta ikkontestajtlu l-ittra* - ossia l-ittra datata 4 ta' Frar 2008 – *jien ghedtlu biex nara l-merkanzija li skond hu kienet bil-hsara u dahhalni fuq in-naha ta' wara ta' l-istore u wrieni l-merkanzija. Meta rajt il-merkanzija li kien hemm fuq in-naha ta' wara ta' l-istore tas-socjetà attrici, lis-Sur Xuereb mill-ewwel ghedtlu li dik il-merkanzija ma kienitx l-istess wahda li ha minghandi. Tant kienet fi stat hazin din il-merkanzija li zgur li kieku hadha minn ghandi s-Sur Xuereb ma kienx jaccetta li jehodha lura. Jien staqsejtu jekk setax gab merkanzija minghand haddiehor u forsi tgerfixa mal-merkanzija tieghi, qalli li le, dik kienet tieghi u li kelli nehodha lura. Din il-merkanzija kienet tikkonsisti wkoll f'numru ta' linen bags li kellhom il-handles imsadda. Fil-fatt kien ghamel return sena qabel is-Sur Xuereb, imma kull ma kien taghni lura kien handbag wiehed ta' size 14. Dan fil-fatt huwa mnizzel fir-return list li kien taghni f'Marzu tas-sena ta' qabel is-Sur Xuereb.*

[18] Fol. 83 sa' 87 tal-process.

Ghalkemm il-konvenut jikkontendi li l-merkanzija in kwistjoni ma hijiex tieghu ma gab l-ebda prova li tissosstnajza tali affermazzjoni. Lanqas ma gab prova li l-post fejn kien jahzen din il-merkanzija ma kienx post umduz, li invece skond Francis Xuereb u Vince Micallef kien umduz hafna, u allura il-merkanzija ma setghetx gratilha l-hsara riskontrata mis-socjetà attrici. L-unika prova li ressaq il-konvenut hija pjanta tal-garage fejn kien jahzen il-merkanzija minn liema pjanta però l-istat tal-garage ma jirrizultax u allura ma jistax jigi stabbilit li l-garage in kwistjoni ma huwiex umduz u li ghalhekk zgur li ma setghetx issir hsara lill-merkanzija mahzuna fih.

Nonostante dan però fil-fehma tal-Qorti hemm ostakolu ghas-success tat-talba attrici fl-intier taghha, ossia ghall-kundanna tal-konvenut ghas-somma intiera ta' €6,543.09, liema ostakolu jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjetà attrici stess, senjatament mix-xhieda ta' Giselle Camilleri.

Waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2011[19] Giselle Camilleri ddikjarat illi *nikkonferma li fiz-zmien meta ngabret il-merkanzija ahna konna gja rritornajna ammont zghir minn din il-merkanzija lura lill-konvenut. Dan l-ammont zghir li kien irritornat prattikament gie rritornat dak il-hin stess li giet migbura l-merkanzija. Ghar-rigward tal-merkanzija ohra li kellha tigi ritornata lil Joseph Zerafa, sa' llum din ghadha ma gietx ritornata. Din il-merkanzija sallum ghadha fil-pussess taghna. Qed nigi mistoqsija jekk ghamilniex xi proceduri biex din il-merkanzija tigi depozitata taht l-Awtorità tal-Qorti, nghid illi le.* In ri-ezami kompliet tiddikjara li *din il-merkanzija ghadha fil-pussess taghna billi l-konvenut qatt ma gie jigborha. Ahna fil-fatt konna ghednilu biex jigi ghaliha. Il-merkanzija li rridu nirritornaw lill-konvenut hija merkanzija li jew m'ghadniex ninnegozjaw fiha ahna jew inkella fiha hsara estensiva illi ma nistghux naccettawha.*

Minn din ix-xhieda jirrizulta b'mod car li l-merkanzija tal-valur jew prezz ta' €4,785.19, li skond is-socjetà attrici hija dannajjegata u b'hekk mhux merkantibbli, ghadha sa' llum il-gurnata fil-pussess taghha. Tali cirkostanza hija ta' ostakolu ghas-success tat-talba attrici fl-intier taghha ghaliex is-socjetà attrici ma tistax tippretendi li tircievi l-hlas ta' merkanzija meta l-istess merkanzija ghadha fil-pussess taghha. Ghalkemm is-socjetà attrici tikkontendi li l-merkanzija in kwistjoni hija danneggjata, hija ma gabet l-ebda prova tal-valur tad-dannu b'dana ghalhekk li l-Qorti ma tistax tiehu tali danni in konsiderazzjoni u b'hekk tikkwantifika dak se mai dovut lill-imsemmija socjetà ghad illi l-merkanzija tibqa' fil-pussess taghha. Ghalkemm is-socjetà attrici tikkontendi li kien il-konvenut li irrifjuta li jigbor tali merkanzija lura minghandha, hija kellha kull obbligu u interess li tali merkanzija tiddepozitaha taht l-Awtorità tal-Qorti qabel ma tghaddi biex titlob il-hlas tal-prezz intier taghha, haga li però ma ghamiltx bil-konsegwenza llum li, jigi ribadit, ma tistax tesigi minghand il-konvenut hlas tas-somma ta' €4,785.19, rapprezentanti appuntu l-prezz ta' tali merkanzija.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li ghad illi ghal ragunijiet kemm xejn differenti minn dak minnu avvanzati, il-konvenut huwa gustifikat f'li jikkontendi

[19] Fol. 62 sa' 65 tal-process.

li l-ammont ta' €6,543.09 pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex korrett u kwindi mhux dovut fl-intier tieghu, izda b'daqshekk u fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kif irrizultaw mill-provi prodotti, ma jfissirx li ma ghandu jbghati xejn mill-ispejjez tal-kawza.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' in parte l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €2,009.95 u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €2,009.95, bl-imghax legali dekoribbli mis-27 ta' Marzu 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal terz (1/3) mis-socjetà attrici u zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**